IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 24**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar It-Tlieta 22 ta' Lulju 2014 fis-7.00 pm fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |
| ** | **Preżenti għal-Laqgħa:** | Attendenza |

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Assenti:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Raymond Tanti | Ambaxxatur |

**1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 23**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru G23 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — *Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 23*

** Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7:05 ta' filgħaxija.



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: (+356) 21455000 / 21451510 / 21454533
Fax: (+356) 21451945 e-mail: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 23** Punti li joħorġu mill-Minuti G 23

2.01 Ma kienx hemm punti li joħorġu mill-minuti.

**3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza**

3.01 Is-Sindku informa lill-Kunsill, bil-laqgħa ta' konsultazzjoni imsejħa mis-Segretarju Parlamentari Dr Ian Borg li fiha ġiet diskussa proposta ta' proġett għar-*roundabout* ta' Għajn Qajjet. Proġett għar-*roundabout* ta' Għajn Qajjet

** Il-Kunsillier Paul Grech u l-Kunsillier Rudolf Grima daħlu għal-laqgħa fis-7:15 ta' filgħaxija.

3.01.1 Hu qal li dan il-proġett li huwa l-ewwel wieħed tal-għamla tiegħu għal pajjiżna, ser ikun jinkorpora ċentru ta' konservazzjoni tal-ilma, ċentru ta' informazzjoni, *playingfield* u kafetterija. Is-Segretarju Parlamentari informa lis-Sindku li dan il-proġett isir mill-fondi "Norway Grants 2009-2014".

Is-Sindku spjega li s-Segretarju Parlamentari ppropona li wara li jistlesta l-proġett, il-Kunsill jitlob għad-devoluzzjoni tiegħu. Is-Sindku spjega li l-ispejjeż annwali tal-manutenzjoni tal-proġett huma stmati li jlaħqu €74,000. Kien innotat ukoll li minbarra dan tkun trid titħallas somma oħra annwali lid-Dipartment tal-Artijiet bħala kirja ta' art pubblika.

Wara diskussjoni li saret, il-Kunsill ma qabilx li jieħu d-devoluzzjoni tal-proġett minħabba l-qagħda finanzjara li jinsab fiha. Ġie deċiż li l-Kunsill jaċċetta d-devoluzzjoni jekk fuq is-sit jiġi inkluż l-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill.

3.02 Is-Sindku informa l-laqgħa li hekk kif ġie deċiż f'seduta G21, kien qiegħed jippreżenta l-istima tal-bankina li tinsab fi Triq San Ġużepp quddiem il-Każin tal-Għaqda Mużikali L'Isle Adam. Stima li laħqet is-somma ta' €2,580.34 Talba Għaqda Mużikali L'Isle Adam

Waqt diskussjoni li saret il-Kunsillier Rudolf Grima saqsa jekk hemmx flus biex issir din il-bankina minħabba l-qagħda finanzjarja tal-Kunsill. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġbet li l-problema tad-*deficit* tal-Kunsill għadha eżistenti, għalkemm il-Kunsill f'din l-aħħar sena rkupra xi ftit. Hija kompliet billi qalet li din il-bankina tista' ssir mill-vot tal-bankina minħabba li dan kien għadu ma ntefaqx kollu.

Is-Sindku ppropona li l-istima tiġi approvata. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.03 Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għal *shuttle service* b'żewġ *mini buses*, mill-Pjazza ta' San Pawl għal Triq it-Tiġrija, bejn is-7.30 a.m u n-12.30 p.m. Huwa qal li dan is-servizz jingħata għal perjodu ta kemm idum it-trasferiment temporanju tal-monti fi Triq it-Tiġrija u jibqa' fis-seħħ sakemm jitlesta l-proġett fi Triq Santa Rita. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Ħruġ ta' kwotazzjoni għal *shuttle service*

Wara diskussjoni li saret fuq il-proposta tas-Sindku, il-Kunsillier Nazju Cassar ippropona li l-Kunsill ma joħroġx il-pubblikazzjoni tar-Rabta li jmiss sabiex jikkumpensa għall-ispiża tas-*shuttle service*. Kien ukoll propost li l-invit għal Jum ir-Rabat, li kull sena joħroġ mar-Rabta, minflok tintbagħat ittra ta' stedina f'kull residenza. Ġie propost ukoll li jsir avviż fil-gazzetti lokali dwar it-trasferiment temporanju tal-monti u dwar ix-*shuttle service*.

Il-Kunsill qabel unanimament mal-proposta tas-*Shuttle Service* kif ukoll il-proposti l-oħra li saru fid-diskussjoni.

**4.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet**

4.01 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-pagament bin-numru 6753 dovut lill-*Mica Med Ltd.* Hi infurmat il-laqgħa li dan il-pagament ta' €2,696.16 huwa l-10% *pre-financing* tal-Proġett *Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities*, liema fondi ħarġu mill-fond ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea. — Pagament numru 6753

4.02 Is-Segretarju Eżekuttiv għamlet referenza għall-pagament bin-numru 6754 dovut lill-kuntrattur Anton Zarb. Hi infurmat il-laqgħa li dan il-pagament ta' €1,278.69 huwa l-10% *pre-financing* tal-Proġett *Measure 313 – Encouragement of Tourism Activities*, liema fondi ħarġu mill-fond ta' finanzjament mill-Unjoni Ewropea. — Pagament numru 6754

4.03 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 236 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament. — L-iskeda tal-ħlasijiet numru 236

**5.00 Tiġdid tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq Santa Rita**

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li bi żvista fil-laqgħa G19 kien hemm inkluż il-ħruġ mill-ġdid tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita. Irriżulta li din minflok riedet titressaq għat-tiġdid. — Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita – T/0106/2012

Is-Sindku ppropona li l-offerta T/0106/2012 tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Triq Santa Rita tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta tiġi mġedda.

**6.00 Tiġdid tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fil-ġnien pubbliku ta' Bir Iljun**

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lill-Kunsill li bi żvista fil-laqgħa G19 kien hemm inkluż il-ħruġ mill-ġdid tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun. Irriżulta li din minflok riedet titressaq għat-tiġdid. — Tiġdid tal-offerta tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun – T/0107/2012

Is-Sindku ppropona li l-offerta T/0107/2012 tat-tindif u manutenzjoni tal-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun tiġi mġedda għal sena oħra. Il-Viċi Sindku Doris Coleiro ssekondat din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament li din il-proposta

tiġi mġedda.

**7.00 Ħruġ tal-offerta għal servizz ta' *accountant***

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerta għall-provvediment ta' servizz ta' *accountant*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għal servizz ta' *accountant*

**8.00 Ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts***

Is-Sindku ppropona li tinħareġ sejħa għall-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts*. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' *culverts*

**9.00 Korrispondenza**

9.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1211/14**, is-Sindku informa l-laqgħa li d-Dipartiment għall-Gvern Lokali ma kienx laqa' t-talba tal-Kunsill li l-kuntratt tas-servizz ta' attendenza u manutenzjoni ta' latrina joħroġ għal sitt snin, minħabba dan imur kontra l-Proċeduri dwar il-Kunsill Lokali (Offerti).

Is-Sindku ppropona li l-offerta tinħareġ hekk kif ġie deċiż f'seduta G22 bid-differenza li tinħareġ għall-perjodu ta' tliet snin. Il-Kunsillier Nazju Cassar ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tweġiba tad-DLG dwar Ħruġ tal-offerta għat-tindif u manutenzjoni ta' latrina pubblika fi Triq il-Kulleġġ

**10.00 Materji Oħra**

10.01 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq taċ-Ċawla waqgħu xi knaten għal ġot-triq.

Knaten imwaqqgħin fi Triq iċ-Ċawla

10.02 Il-Kunsillier Ian Vassallo qal li fi Triq San Piju V hemm arblu tad-dawl perikoluż minħabba li għandu l-parti t'isfel imsaddad.

Arblu tad-dawl perikoluż

Il-Kunsillier Paul Grech issuġġerixxa li l-Kunsill jikteb lill-Inġinier Martin Micallef tal-Korporazzjoni Enemalta. Il-Kunsill qabel unanimament.

10.03 Il-Kunsillier Ian Vassallo ppropona li ssir talba lil TM sabiex il-*belisha beacons* li hemm Triq Borg Olivier ħdejn il-Knisja ta' San Bastjan isiru *pelican lights*. Issekondat din il-proposta l-Viċi Sindku Doris Coleiro. Il-Kunsill qabel unanimament.

Talba biex il-*belisha beacons* li hemm fi Triq GBO jinbidlu għal *pelican lights*

10.04 Il-Kunsillier Nazju Cassar qal li l-iskips li hemm fil-kampanja baqgħu ma nbidlux mill-kuntrattur. Huwa saħaq dwar il-bżonn li dawn jinbidlu minħabba li jinsabu maħmuġin u mkissrin.

Skips imkissrin fil-kampanja

10.05 Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi qal li hemm parti mill-bankina ta' Triq il-Kulleġġ ħdejn il-latrina tinsab imkissra.

Bankina imkissra Triq l-Kuleġġ

**11.00** **Data tas-seduta li jmiss**

11.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014 fis-7.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

11.02 Il-laqgħa ntemmet fid-8.42 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 26 ta' Awwissu 2014

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**